

(2) *EU Research Projects Ltd* hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 209, 31.07.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Ottubru 2012 —  
Fondation IDIAP vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-286/10) (<sup>1</sup>)

(“*Klawsola ta' arbitraġġ — Sitt programm kwadru dwar l-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp tekonoġiku u ta' dimostrazzjoni — Kuntratti dwar il-proġetti Amida, Bacs u Dirac — Spejjeż eliġibbli — Mudell ta' spejjeż addizzjonali — Salarju tar-riċerkaturi li jibbenefikaw minn kuntratti ta' impjieġ għal żmien indeterminat — Nuqqas ta' riżorsi proprji tal-kontraenti*”)

(2012/C 373/07)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fondation de l'Institut de recherche IDIAP (Martigny, l-Isvizzera) (rappreżentanti: G. Chapus-Rapin u G. Couchepin, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Dintilhac u A. Sauka, aġenti)

**Suġġett**

Talba mressqa prinċipalment abbażi tal-Artikolu 272 TFUE, intiża sabiex tinkiseb mill-Qorti Ġenerali dikjarazzjoni li ċerti spejjeż esposti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-Kuntratti Nru 33812, dwar il-proġett Amida, Nru 27140, dwar il-proġett Bacs u Nru 27787, dwar il-proġett Dirac, konklużi mal-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tas-Sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp tekonoġiku u ta' dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-riċerka u għall-innovazzjoni (2002-2006), stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 576), huma eliġibbli għal rimbors u li, konsegwentement, ir-rikorrenti ma għandhiex tirmiborsa s-somom ta' EUR 98 042,45 għall-kuntratt dwar il-proġett Dirac u ta' EUR 251 505,76 għall-kuntratt dwar il-proġett Amida, kif ukoll talba mressqa sussidjarjament abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, intiża sabiex jinkiseb, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li permezz tagħha din tal-aħħar ikkonfermat il-konklużjonijiet ta' verifika li ddikjarat l-ispejjeż inkwisjoni ineliġibbli u, min-naħa l-oħra, il-kundanna tal-Kummissjoni sabiex twettaq minnufih verifika tal-proġetti li kellhom jitwettqu minn kumpannija oħra differenti minn dik li kienet wettqet l-ewwel verifika.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Il-Fondation de l'Institut de recherche IDIAP* hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż esposti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

(<sup>1</sup>) ĠU C 221, 14.8.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Ottubru 2012 —  
Evropaiki Dynamiki vs Il-Qorti tal-Ġustizzja**

(Kawża T-447/10) (<sup>1</sup>)

(“*Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerri — Provvista ta' servizzi ta' manutenzjoni, żvilupp u appoġġ ta' applikazzjonijiet tal-informatika — Ċaħda tal-offerti tar-rikorrenti u għoti tal-kuntratti lil offerent ieħor — Kriterji ta' għażla — Kriterji ta' għoti — Obbligu ta' motivazzjoni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali*”)

(2012/C 373/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermizakis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: T. Lefèvre, aġent)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-12 ta' Lulju 2010, li tiċħad l-offerti tar-rikorrenti għal-lottijiet Nru 1 u 2 tas-sejħa għal offerri CJ 7/09, tal-11 ta' Novembru 2009, għall-manutenzjoni, l-iżvilupp u l-appoġġ ta' applikazzjonijiet tal-informatika (ĠU 2009/S 217-312293), kif ukoll ta' kull deċiżjoni oħra annessa tal-Qorti tal-Ġustizzja, inkluża dik tal-għoti tal-kuntratti rispettivi lill-offerenti magħżula u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Lulju 2010 li tiċħad l-offerti ppreżentati minn Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerri CJ 7/09, tal-11 ta' Novembru 2009, għall-manutenzjoni, l-iżvilupp u l-appoġġ ta' applikazzjonijiet tal-informatika, u li tagħti l-kuntratti lil offerenti oħrajn hija annullata.*

(2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *Il-Qorti tal-Ġustizzja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 346, 18.12.2010.